# Il-Ġenerazzjoni ta' l-Artisti Camilleri Cauchi

Kitba ta' Cynthia Gafà B.Ed. (Hons.)

## Wistin Camilleri



*Wistin Camilleri*

L-iskultur Wistin Camilleri twieled fil-belt Victoria fit-2 ta' Mejju 1885, minn ġenituri Żwieten. Minn ċkunitu kien diġà wera l-imħabba u l-ħila lejn l-arti peress li kien jaħdem il-pasturi tat-tafal. Camilleri ħa l-ewwel lezzjonijiet fl-iskultura minn Patri Gosmino, ġiżwita Taljan fis-Seminarju ta' Għawdex. Flimkien ma' allievi oħra bħall-iskultur Nazju Cefai u l-pitturi Ġużeppi Briffa u Ġanni Vella, kompla l-istudji tiegħu fl-Iskola ta' l-Arti l-Belt Valletta. Hawnhekk, l-għalliema tiegħu kienu l-iskultur Cardona, l-artist u d-disinjatur magħruf Giuseppe Calì kif ukoll l-iskultur Żebbuġi Antonio Sciortino.

Ta' tnejn u għoxrin sena Camilleri ntbagħat Ruma sabiex ikompli jipperfezzjona l-arti tiegħu fl-Akkademja ta' San Luqa. Bosta kienu l-artisti Maltin li komplew l-istudji tagħhom f'din l-akkademja. Hawnhekk Camilleri kien mgħallem minn Pietro Canonica u Pezzardi. Wara sentejn ġie lura Malta, u kompla jitħarreġ sakemm fetaħ il-bottega tiegħu f'Għawdex.

Wistin Camilleri baqa' magħruf għall-istatwi tal-kartapesta li ħadem. Tgħallem din is-sengħa mingħand l-istatwarju Karlu Darmanin. It-teknika ta' Wistinu flimkien ma' l-aspett reliġjuż u sagru, għenuh jipproduċi xogħlijiet ta' arti eżemplari f'dan il-qasam. Kien bniedem kalm u umli. Fuq kollox kien raġel tassew reliġjuż. L-arti tiegħu kienet mezz ta' espressjoni lejn l-ispiritwalità u l-fidi soda tiegħu. Fil-fatt ix-xogħlijiet artistiċi ta' Camilleri jirriflettu l-karatteristiċi personali tiegħu.

L-istatwi li ħadem Wistinu mżejna bi kwalitajiet pjuttost sempliċi. Fihom wieħed ma jistax ma jinnotax karatteristiċi bħal armonija, dinjità, grazzja u sentimenti ta' devozzjoni u mħabba. Statwi bħal dik tal-Madonna tal-Grazzja fil-Knisja tal-Kapuċċini, l-istatwa titulari tal-Qalb ta' Ġesù fil-Knisja Parrokkjali tal-Fontana, San Ġużepp fil-Basilika ta' San Ġorġ u Santu Wistin fil-Kunvent Agostinjan ta' Għawdex huma xhieda ta' dawn il-karatteristiċi. Qabel jibda jaħdem statwa, Camilleri kien jaħseb u jfittex sewwa dwar is-suġġett sabiex imbagħad ikun jista' joħroġ il-personalità proprja tal-qaddis jew tal-qaddisa. L-istatwi tiegħu, li jirrappreżentaw lil Kristu, il-Madonna u l-qaddisin, iqanqlu l-virtujiet ta' l-umiltà, il-karità u il-ġustizzja.

Ftit huma l-knejjes li m'humiex mogħnija b'xi statwa artistika tiegħu. Bosta bliet u rħula Maltin u Għawdxin jiftaħru bix-xogħlijiet ta' Wistinu l-iskultur. Fost dawn ix-xogħlijiet insibu statwi ta' figuri bibbliċi, qaddisin, dutturi tal-Knisja, anġli, kif ukoll figuri allegoriċi u profani, li jżejnu t-toroq matul il-ġranet ta' festa ad unur il-qaddis patrun tagħhom. Ix-xogħlijiet ta' Camilleri huma mifruxa wkoll 'il barra minn xtutna, tant li jinsabu f'artijiet imbiegħda bħall-Kanada (Toronto), l-Awstralja (Melbourne u Sydney), l-Istati Uniti (New York u Philadelphia), l-Ingilterra, l-Abbissinja, Tuneż, Bona u Marsilja.

Minbarra l-bosta statwi tal-kartapesta li ħadem, Wistinu skolpa wkoll l-istatwi fil-ġebel. Baqa' ferm magħruf għall-iskultura fil-ġebla li mingħajr ebda dubju hemm iżżejjen is-santwarju Ta' Pinu fir-raħal kwiet ta' l-Għarb, Għawdex. Dan is-santwarju huwa mibni fuq stil Romanesk, jiġifieri l-istil ta' l-arkitettura mxerred fl-Ewropa mis-seklu 10 sal-bidu tas-seklu 13, b'arkati tondi, ħitan oħxon u ħnejjiet għoljin ħafna. Camilleri kien wieħed mill-pilastri sabiex jitkompla l-bini ta' dan is-santwarju peress li serva bħala medjatur bejn il-perit u l-bennejja, u b'hekk irnexxielu jsolvi xi konflitti li seta' kien hemm bejniethom. Dan is-santwarju ħa ħdax-il sena biex inbena u tlesta fit-8 ta' Mejju, 1936. Wistinu ħoloq u pproduċa madwar elf u tmien mitt disinn differenti u oriġinali fil-ġebla sabiex jiddekora dan is-santwarju.

Wistin Camilleri kien l-ewwel artist Malti li ħadem statwi magħmula mill-konkos. Bħala eżempju nistgħu nsemmu l-istatwa ta' Kristu Salvatur li kien hemm fuq l-għolja li ġġib l-istess isem, fin-niżla ta' Marsalforn. Din l-istatwa kienet erbgħa u għoxrin pied għolja. Sfortunatament, kienet intlaqtet minn sajjetta u għalhekk illum il-ġurnata nsibu oħra minflokha.

Camilleri għex 'il fuq minn disgħin sena. Matul il-ħajja twila u attiva tiegħu pproduċa bosta xogħlijiet artistiċi u kreattivi li ħallew marka fi żmienu iżda qatt ma wrew sinjal ta' xjuħija. Wistinu kien iqis l-arti bħala l-ħajja tiegħu. Fil-fatt il-ħin tal-ġurnata kien jgħaddih jaħdem bid-diliġenza paċenzjuża fil-bottega tiegħu fi Triq Għajn Qatet, ir-Rabat Għawdex. Miet fl-4 ta' Lulju 1979, proprju meta ddeċieda li jieqaf jipproduċi aktar xogħlijiet artistiċi.

L-aħħar opra ta' arti li ħadem kienet vara tal-Ġimgħa l-Kbira għan-Naxxar, li turi t-Tradiment ta' Ġuda. Din ħadimha fl-età ta' disgħin sena. Ta' min jgħid li l-monument li naraw fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta huwa wkoll xogħol ta' dan l-artist. Dan ix-xogħol jinkludi d-disinn mirqum tal-monument, it-tmien anġli ta' madwaru u l-korp ta' Ġesù Kristu.

## Alfred Camilleri Cauchi

Wistin Camilleri kien miżżewweġ lil Franġiska mwielda Cauchi li minnha kellu sitt ulied. It-tielet wild tagħhom huwa proprju l-iskultur Alfred Camilleri Cauchi, li twieled ir-Rabat Għawdex fl-24 ta' Jannar, 1943. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ St. Edward u fl-Iskola ta' l-Arti f'Malta. Meta kellu biss erbatax-il sena, mar jistudja fil-Kulleġġ ta' l-Arti, Edinburgh, l-Iskozja. Kien proprju l-ewwel Malti li ħa l-istudji tiegħu f'dan il-Kulleġġ, wara li ngħata scholarship minn Lady Laycock, il-mara ta' Sir Robert Laycock, il-Gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien. Huwa kompla javvanza l-istudji tiegħu u fost l-għalliema tiegħu nsibu lil Prof. Henry Moore, Prof. Schilski, Andrew Dodds u Anne Hendascen.



*Alfred Camilleri Cauchi waqt xogħol fuq waħda mill-ħafna statwi li għamel*

Lura f'Malta Alfred beda jgħin lil missieru fid-dekorazzjonijiet tal-knejjes. Din l-għajnuna swiet ħafna lil missieru minħabba li dan kien imdaħħal sew fl-età. Il-knejjes tal-Furjana, Ħad- Dingli, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurrieq, Ta' l-Erwieħ fil-Belt Valletta u Ta' Pinu l-Għarb Għawdex igawdu d-dekorazzjonijiet fis-soqfa, ta' l-artist Alfred Camilleri Cauchi. F'ħajtu esperimenta b'diversi materjali sabiex joħloq l-opri tiegħu. ħadem statwi tal-

kartapesta u tal-fibreglass, kif ukoll skolpa fl-injam, fl-irħam u fil-ġebla tal-franka. Camilleri Cauchi dejjem jipprova jkun oriġinali kemm jista' fix-xogħlijiet tiegħu. L-istatwi tiegħu jqarribhom kemm jista' jkun lejn ir-realtà, kemm fil-pożizzjonijiet kif ukoll fl-espressjonijiet ta' l-uċuħ.

Fl-1966 Camilleri Cauchi kien ikkummissjonat sabiex jipproduċi Via Sagra għall-Awstralja, filwaqt li fl-1969 beda jiskolpi l-Via Sagra fl-irħam li nsibu quddiem is-santwarju Ta' Pinu, Għawdex. Għal dan ix-xogħol, Camilleri Cauchi ngħata t-titlu ta' Kavallier ta' l-Unur ta' l-Ordine Reale della Corona Balearica ta' Spanja. Fl-1978 skolpa Via Sagra fil-ġebla tal-franka għall-knisja parrokkjali ta' Wied il-Għajn u ħadem ukoll Via Sagra oħra għall-Ingilterra.

Alfred Camilleri Cauchi magħruf għad-diversi vari tal-Ġimgħa l-Kbira li ħadem. Dawn insibuhom imxerrda f'Ħal Qormi, ir-Rabat Malta, ir-Raħal ġdid, ix-Xewkija u ż-Żejtun. Fil-parroċċi tal-Balluta u l-Fgura nsibu statwi ta' Marija Addolorata li jinħarġu proċessjonalment nhar id-Duluri. Ħadem ukoll madwar tlettax-il statwa ta' Kristu Rxoxt. Uħud minn dawn insibuhom f'każini tal-baned filwaqt li l-oħrajn jinsabu fil-knejjes parrokkjali, bħal dik skolpita fl-injam ġewwa fil-Bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex. Alfred kien l-ewwel artist Malti li pproduċa statwi maħduma mill-fibreglass. Bosta minnhom nistgħu narawhom fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, f'diversi ċenakli u rappreżentazzjonijiet oħra tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Kien proprju l-istess artist li ħareġ b'din l-idea oriġinali ta' ċenakli bħala attrazzjonijiet ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

Introduċa wkoll l-idea tal-monumenti tal-gwerra fil-pjazez ewlenin ta' l-irħula Maltin. Dan sabiex jingħata ġieħ lil missirijietna li tant urew qlubija matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Fost dawn il-monumenti nsibu dawk tal-Birgu, iż-Żurrieq, Ħal Tarxien u Ħaż Żabbar. Ta' min jgħid li l-ħila artistika ta' dan l-iskultur tispikka fil-monumenti tiegħu, għax ħadem ukoll bosta monumenti u bustijiet li jfakkru personalitajiet distinti, fosthom lil Anton Tabone, Frenċ ta' l-Għarb, Gio. Pietro Francesco Agius de Soldanis, Ġorġ Pisani, Ġużè Muscat Azzopardi, Karmni Grima, Ninu Cremona, Pietru Pawl Saydon u saħansitra anke l-ewwel monument fit-toroq Maltin ad unur San Ġorġ Preca. Ħadem ukoll żewġ monumenti tal-Qdusija tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II, li jinsabu Għawdex. Uħud mill-monumenti ta' Camilleri Cauchi magħmula mill-bronż filwaqt li hemm oħrajn tal-fibreglass, biex jiflaħ għall-elementi naturali.

Camilleri Cauchi huwa wkoll l-awtur ta' xi statwi titulari li nsibu fil-knejjes tagħna. Fosthom nistgħu nsemmu l-istatwa ta' Marija Reġina l-Marsa kif ukoll San Ġwann tas-Salib Ta' Xbiex. Iddisinja diversi settijiet ta' midaljuni għall-bradelli ta' l-istatwi titulari ta' bosta knejjes, fosthom ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u anke r-Rabat Għawdex, il-Balluta u l-Ħamrun.

Ma nistax ma nsemmix l-istatwa maestuża ta' Kristu Re li skolpa fl-injam fis-sena 1998. Huwa ferm interessanti li Camilleri Cauchi skolpa din l-istatwa minn zokk wieħed li kien impurtat apposta minn foresta fl-Afrika. Dan il-kapolavur jinsab fil-Każin tal-Banda De Paule tar-Raħal ġdid. Xogħlijiet oħratiegħu huma d-diversi statwi li jintramaw fit-toroq u l-pjazez ta' l-irħula u bliet Maltin u Għawdxin għall-okkażjoni tal-festa. Fost dawn l-istatwi wieħed isib anġli, profeti, appostli, figuri bibbliċi, qaddisin u personaġġi oħra.

Ta' min jgħid li mhux il-Gżejjer Maltin biss huma mogħnija bl-opri artistiċi ta' dan l-iskultur bravu, għaliex ix-xogħlijiet tiegħu jinsabu wkoll barra minn xtutna. Camilleri Cauchi ħadem sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira li jinstab f'Horsley Park l-Awstralja, żewġ kurċifissi tal-kartapesta, statwa ta' Santa Klara u oħra tal-Madonna tar-Ružarju għall-Kanada, filwaqt li għall-Ingilterra skolpa statwa

tal-Madonna tal-Karmnu fl-injam. Dan l-artist għandu wkoll xi xogħlijiet Melbourne l-Awstralja, l-Amerika, l-Italja, il-Libja u Oslo, in-Norveġja.

Riċentement, l-Ordni Akkademika Internazzjonali Greci-Marino li hija bbażata fl-Italja, għamlet riċerka fost skulturi Maltin u internazzjonali, mingħajr ma dawn kienu jafu. Il-bord tad-diretturi ta' din l-Akkademja fela sewwa l-kurrikulu artistiku ta' l-iskulturi, f'dik li hija teknika wżata, il-kwalità u l-livell artistiku li jħaddan kull wieħed minnhom. Ta' min jgħid li din l-Ordni tħaddan artisti ta' fama mondjali f'oqsma differenti ta' l-arti, fosthom fil-letteratura, il-mużika u arti viżiva.

Il-bord tad-diretturi ddeċieda li l-iskultur u restawratur Għawdxi, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi ħaqqu jieħu t-titlu prestiġjuż ta' Surmast Onorarju Malti f'din l-Akkademja. Camilleri Cauchi ntgħażel bħala l-persuna ta' referenza għal artisti oħra, kemm lokali kif ukoll internazzjonali, f'dik li hija skultura, restawr u teknika assoċjata ma' dawn l-oqsma. Dan huwa t-tieni titlu li Camilleri Cauchi rċieva minn din l-Ordni, wara li fl-1998 kien onorat bħala Kavallier Akkademiku Onorarju, li poġġieh fil-grad ta' Surmast fuq artisti oħra.

## L-Abbozz tal-Monument tal-Mosta

Madwar tnax-il sena ilu l-Kunsill Lokali tal-Mosta kkummissjona lill-artist Alfred Camilleri Cauchi sabiex jaħdem abbozz għall-monument li kien maħsub li jsir fil-pjazza tal-Mosta. L-iskultur sawwar dan l-abbozz b'seba' figuri, li lkoll flimkien qegħdin jissimbolizzaw ir-raħal tal-Mosta kif ukoll l-istorja tal-bini tar-Rotunda. Fil-fatt, dawn is-seba' personaġġi qegħdin fuq pedestall tond li jissimbolizza l-koppla tonda u ferm famuża tal-knisja ta' l-istess raħal.



Il-figura li tidher f'nofs l-abbozz ta' dan il-monument hija dik ta' xebba li qiegħda tirrappreżenta l-Mosta. Fl-istess ħin l-artist qabbel lil din it-tfajla ma' dik li nsibu fil-karattru ewlieni tal-leġġenda ta' l-Għarusa tal-Mosta. Ix-xebba qiegħda sserraħ idha l-leminija fuq l-arma ta' l-istess raħal filwaqt li idha x-xellugija qiegħda fuq spallet il-Perit Ġorġ Grognet. Dan kien l-arkitett li fassal il-pjanta tar-Rotunda. Fil-fatt, f'idu x-xellugija qiegħed iżomm parċmina li tissimbolizza l-pjanta bid-disinn tal-knisja.







Grognet jidher bil-qiegħda fuq kapitell tal-knisja, maġenb riġlejn it-tfajla.

Maġenb l-arkitett, Camilleri Cauchi sawwar il-figura ta' Mastru Anġ Gatt. Dan kien il-bennej, li flimkien ma' ħaddiema oħra, taw sehemhom biex tinbena din il-knisja monumentali. Il-bennej jidher iżomm skwerra li hija simbolu tas-sengħa tiegħu. Wara l-figura tal-bennej, wieħed jista' jilmaħ lill-arċipriet li fi żmienu nbniet ir-Rotunda. Imbagħad maġenbu, l-artist sawwar bieb li jissimbolizza l-bieb li nsibu fil-pjazza tal-Mosta, li minnu nistgħu ninżlu għax-xelter, il-post li pprovda kenn lill-poplu Mosti fiż-żminijiet koroh tal-gwerra.

Fuq il-lemin tax-xebba Mostija l-artist ħoloq tliet figuri li flimkien qegħdin jirrappreżentaw familja tipika. Fuq kollox, qegħdin jissimbolizzaw ir-raħal tal-Mosta. Dan għaliex ir-raġel u l-mara flimkien mat-tarbija juruna li ġenerazzjoni wara oħra kompliet tkattar il-popolazzjoni tal-Mosta. Ta' min jgħid li dawn it-tliet figuri huma libsin il-kostumi tradizzjonali Maltin, jiġifieri dawk ta' raħlin. Il-mara, li tidher iżżomm lit-tarbija f'ħoġorha, hija liebsa fardal kif ukoll għandha maktur imdawwar ma' rasha. Mill-banda l-oħra żewġha huwa liebes is-sidrija, qalziet imxammar u berritta. B'idu x-xellugija, il-bidwi jidher iħaddan lil martu. Il-fatt li dawn it-tliet figuri qegħdin iħaddnu lil xulxin, jurina r-rabta soda u l-għaqda bejn il-membri tal-familja. Ħdejn il-figuri tal-bdiewa tidher l-imgħażqa, is-simbolu tax-xogħol tar-raba'. Hemm ukoll is-sbul tal-qamħ, li jissimbolizza l-prodotti tax-xogħol ta' l-għelieqi u fl-istess ħin ifisser l-għajxien ta' kuljum. Apparti milli qegħdin juruna familja tipika Mostija, Camilleri Cauchi sawwar it-tliet figuri tar-raħlin biex jurina li kien proprju bil-ħila tagħhom li twettaq il-proġett tar-Rotunda.

Ta' min jgħid li monument elaborat ta' dan il-livell għadu qatt ma deher f'pajjiżna. Min jaf? Forsi r-raħal tal-Mosta għad ikun l-ewwel wieħed li jgawdi minn opra artistika monumentali fil-pjazza maestuża tiegħu.

## Aaron Camilleri Cauchi

Alfred Camilleri Cauchi huwa miżżewweġ lil Catherine imwielda Ellul u għandhom erba' wlied. It-tielet wild tagħhom huwa l-artist żagħżugħ Aaron Camilleri Cauchi li twieled fit-12 ta' Marzu, 1979. Minn ċkunitu kien dejjem josserva u jgħin lil missieru jimmudella fit-tafal, jaħdem l-istatwi tal-kartapesta u anke jiskolpi fl-injam u fil-ġebel.


*Aaron Camilleri Cauchi jagħmel l-aħħar rtokki fuq statwa tad-duluri*

Fis-sena 2002 Aaron ħadem l-ewwel statwa kbira tiegħu fil-kartapesta. Minn dak in-nhar 'il quddiem bosta każini tal-baned, għaqdiet ta' l-armar u parroċċi bdew jordnawlu settijiet ta' statwi tal-kartapesta sabiex iżejnu t-toroq ta' l-irħula tagħhom matul il-ġimgħa tal-festa. Fil-fatt, ix-xogħlijiet ta' Aaron insibuhom imxerrda ma' diversi rħula Maltin u Għawdxin. Fosthom insibu l-Gudja, il-Ħamrun, l-Imqabba, ir-Raħal ġdid, ir-Rabat Għawdex, San Ġiljan, Ħal Qormi, Ħal Tarxien u Ħaż-Żebbuġ. Fix-xogħlijiet ta' dan l-artist wieħed jista' jinnota l-istil akkademiku li juża, il-ħlewwa fl-uċuħ kif ukoll l-oriġinalità tal-kuluri.

Aaron ħadem ukoll diversi ċenakli li wieħed jista' jżur hemm fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Il-figuri daqs bniedem li nsibu f'dawn iċ-ċenakli maħduma mill-fibreglass, teknika li tgħallem

mingħand missieru. Fost iċ-ċenakli li ħadem insibu dak li jittella' fil-kappella ta' Bir Miftuħ il-Gudja, kif ukoll oħrajn fil-Belt Valletta, il-Fgura u San Ġiljan.

Marbuta mal-Gimgħa Mqaddsa ma nistax ma nsemmix iż-żewġ statwi li din is-sena Aaron ġie kkummissjonat biex jaħdem għad-Duomo ta' San Ġorġ f'Ragusa, Sqallija. Statwa minnhom hija dik tad-Duluri li nħarġet proċessjonalment nhar il-Ġimgħa l-Kbira, filwaqt li l-oħra li turi lil Kristu Rxoxt intramat fuq l-artal maġġur f'Ħadd il-Għid. Iż-żewġ statwi huma maħduma mill-kartapesta, li hija tradizzjoni antika Maltija ta' wirt kulturali prestiġjuż u proprju oriġinat minn Sqallija.

Apparti milli jaħdem xogħlijiet fil-kartapesta, Camilleri Cauchi jispeċjalizza wkoll fil-qasam tar-restawr. Fl-1999 Aaron kien responsabbli mir-restawr ta' l-istatwi antiki tal-ġimgħa l-Kbira li jinsabu fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex. Dawn l-istatwi tal-kartapesta nħadmu minn Saverio Laferla u Wistin Camilleri u wħud minnhom imorru lura sa tliet mitt sena. Fis-sena 2001 Aaron kellu sehem importanti fir-restawr ta' l-istatwa titulari ta' Santa Marija fil-Katidral ta' Għawdex filwaqt li fl-2003 rrestawra statwa ta' l-injam ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fil-parroċċa ta' San Romano fil-belt ta' Ruma. Flimkien ma' missieru, Aaron kellu l-opportunità li jaħdem f'xi funderiji l-Italja bħad-Domus Dei ta' Ruma u l-Fonderia Storica Chiurazzi ta' Napli. Irrestawra diversi xogħlijiet artistiċi antiki li jinsabu f'kollezzjonijiet privati. Aaron u missieru Alfred irrestawraw ukoll xi statwi li matul il-ġimgħa tal-festa ta' Santa Marija jkunu qegħdin iżejnu t-toroq tal-Mosta.

Aaron dam mill-1995 sa l-2004 jaħdem fil-Pàlazzo Parisio, in-Naxxar. Hemmhekk, kien responsabbli mix-xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni. Fil-fatt, sar restawr fuq xogħlijiet li jinsabu fis-swali prinċipali ta' dan il-palazz. Dawn ix-xogħlijiet huma ta' artisti bħal Filippo Venuti, Antonio Cardona, G. Olzai u l-Professur Carlo Sada. Serva wkoll bħala koordinatur sabiex Palazzo Parisio jsir attrazzjoni turistika.

Aaron qatta' l-ewwel xahrejn tas-sena 2004 fil-gżejjer ta' Trinidad u Tobago, fl-Oċean Atlantiku. Kien ikkummissjonat mill-World Heritage Developments, mis-Sorijiet Dumnikani kif ukoll mill-Arċidjoċesi ta' Port of Spain sabiex jgħallem dwar il-dekorazzjonijiet fil-knejjes, inkluż l-affreski mal-ħitan, is-sengħa ta' l-induratura, il-bini ta' l-istatwi u l-konservazzjoni tagħhom. Aaron kien ukoll il-kelliem ewlieni f'konferenza li fiha ddiskutew il-knejjes storiċi u l-patrimonju tagħhom. Apparti minn hekk, Camilleri Cauchi kien responsabbli mir-restawr tal-Knisja ta' l-Isem Imqaddes. Hemmhekk irrestawra l-pitturi tal-ħitan kif ukoll indura s-soqfa. Waqt din iż-żjara kellu laqgħat li jitrattaw il-promozzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt artistiku tal-pajjiż mal-Prim Ministru Patrick Manning, l-Arċisqof ta' Port of Spain u Rev. Edward Gilbert kif ukoll man-Nunzju Appostoliku r-Rev. Emil Paul Tscherrig.

## Konklużjoni

Meta wieħed jifli bir-reqqa dawn it-tliet profili jinduna li huma relatati flimkien għaliex is-sengħa ta' l-arti propju ntirtet minn missier għal iben. Dan huwa eżempju ċar ħafna tal-qawl Malti li jgħidilna li bin is-sengħa għandu nofsha. Ta' min jgħid li l-opri artistiċi ta' Wistin, Alfred u Aaron jiffurmaw parti essenzjali mill-wirt kulturali ta' pajjiżna. Dan għaliex l-istatwi li nsibu fil-knejjes kif ukoll dawk li jkunu qegħdin iżejnu t-toroq u l-pjazez matul il-festi tagħna jfakkruna li r-reliġjon u l-festi għad għandhom sehem ferm importanti fil-ħajja tagħna l-Maltin. Nistgħu ngħidu wkoll li l-monumenti jsiru sabiex infakkru personalitajiet distinti jew ġrajjiet li ħallew impatt fl-istorja ta' Malta. Għalhekk, bħala Maltin għandna nħossuna ferm kburin li fi għejjer daqstant żgħar insibu dan it-talent artistiku, li tassew għandna ngħożżuh u napprezzawh!